MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru 5/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Godwin Martin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Godwin Martin bin Carmel u Gemma mitwielda Monreal mwieled Attard fil-21/07/1969 u joqghod “Nascar”, Triq in-Naxxar, Gharghur. I.D. 301869(M) gie akkuzat:

Talli fit-23 ta’ Marzu, 2004 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond “Autologic”, Triq Gafa, Mosta,

b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku ta' valur iktar minn LM100 izda inqas minn LM1000, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu ikkaguna hsara voluntarja fuq l-imsemmi meter tad-Dawl, liema hsara tammonta ghall-LM22.00,0.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok PB2 u li jinsab a fol. 11 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Bond, fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tallum ix-xhud Alan Chetcuti ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta ddikjara illi l-Korporazzjoni Enemalta ma baqghalha l-ebda pendenza ma' l-imputat Godwin Martin u illi ghaldaqstant l-istess Korporazzjoni qed tirrinunzja minghajr riserva ghal passi kriminali f'dan il-kaz, u dan kif jidher mid-dokument esebit illum mill-istess xhud Alan Chetcuti u markat bhala Dok CA1, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat Godwin Martin kif ukoll tastjeni milli taghti Provvediment fil-konfront tal-imputat sabiex ihallas ghall-ispejjes tal-esperti mahtura fl-Inkjesta a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tilqa' it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Bond u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri

tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat Godwin Martin u tastjeni milli taghti Provvediment fil-konfront tal-imputat sabiex ihallas ghall-ispejjes tal-esperti mahtura fl-Inkjesti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------